**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**VS**
**NAJAH AGHEEZ**

**Illum l-4 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat Najah Agheez, iben Fayiz u Fayzia xebba Rashed, imwieled Marsa, Mansoura fl-Eġittu nhar il-15 t'April 1989 u residenti f'Solitaire, Block B, Flat 9, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar u detentur tar-refcom bin-numru 28492 li ġie akkużat bis-segwenti:

"***talli fis-16 t'April tas-sena 2023, għall-ħabta ta' bejn it-tlieta (03.00hrs) u s-sitta (06:00hrs) ta' filgħodu, fl-inħawi ta' Triq il-Ħalel, San Pawl il-Baħar u /jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:***

1. ***Ikkommettejt att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-persuna ta' Lara Ali Shahin li fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imemmijin fl-Artikoli 198 sa' 206 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. ***Ġibt ruħek b'mod li hu ta' fastidju lil Lara Ali Shahin li l-imġieba tiegħek tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi billi għamilt kuntatt jew ittantajt li tagħmel kuntatt magħha, tlajjajt fi kwalunkwe post pubbliku jew privat u qagħadt għassa jew spijajt fuqha; inkluż indħil f'xi proprjeta' li tkun fil-pussess tal-vittma Lara Ali Shahin;***

3. ***Ġibt ruħek b'mod li tajt fastidju lil Lara Ali Shahin b'mod li kont taf jew li jmissek kont taf li kont ta' fastidju għal din il-persuna;***

4. ***Ssoġġettajt lil Lara Ali Shahin għal xi att t'intimita' fiżika u / jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluż kliem bil-fomm, mossi u / jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkulazzjoni ta' kliem miktuba, stampi u / jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti u /jew intimidatorju lejha;***

5. ***Bla ordni skont il-liġi tal-awotirta' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestajt, żammejt u ssekwestrajt lil Lara Ali Shahin kontra l-volonta' tagħha, sabiex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħiha tas-sess tagħha;***

6. ***Ikkawżajt lil Lara Ali Shahin biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha;***

7. ***Ikkommettejt serq ta' mobajl b'valur ta' Euro1800, liema serq hu aggravat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin liema serq sar għad-dannu ta' Tony Visnu Warta u / jew ta' persuna/i u /jew ta' xi entita' u / jew entitajiet oħra;***

8. ***F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kont fis-sakra b'mod li ma kontx kapaċi tieħu ħsieb tiegħek innifsek;***

9. ***Bil-lejl ksirt il-mistieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;***

10. ***Inqast milli tħares xi waħda u /jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqek nhar it-23 ta' Marzu 2023 b'digriet mill-Imħallef Dr. Aaron Bugeja***".

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija *ai termini* tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta favur Lara Ali Shahin.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1), tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 t'April 2023 fejn waqt l-istess seduta l-akkuża hawn fuq ċitata ġiet moqrija u kkonfermata bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u ċioe':

1. Il-Fedina penali tal-akkużat[1];
2. Dokument t'identifikazzjoni[2];
3. Mandat t'Arrest u Tfittxija[3];
4. Seizure Form[4];
5. Stqarrija tal-imputat datata l-20 t'April 2023[5];
6. Current Incident Report bir-referenza numru NPS 11/POL/1951/2023[6];
7. Current Incident Report bir-referenza numru NPS 11/POL/2014/2023[7];
8. CCTV (filmat)[8];
9. CCTV (filmat)[9].

Rat li din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' wara li l-imputat waqt is-seduta tal-21 t'April 2023 wieġeb li hu ħati, wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-Avukat Dr. Carmel Gatt li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti każ din l-ammissjoni tiegħu.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiża jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil fuq il-parametri li kellha timxi magħhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment il-provi u d-dokumenti kollha esebiti.

**<u>Fatti fil-Qosor</u>**

L-akkużat hu mixli talli nhar is-16 t'April 2023, wara li kien iltaqa' mal-vittma Lara Ali Shahin f'Monovale Pub, segwiha lejn il-Primera Hotel fejn kienet qed tgħix. Tela' magħha fil-lift tal-lukanda fejn qallha li l-kamra tiegħu kienet fil-ħames sular imma meta l-lift waqaf fir-raba' sular (is-sular tal-kamra tal-imsemmija Lara Ali Shahin), l-akkużat ħareġ warajha u baqa' jsegwiha sal-bieb tal-kamra. Staqsietu għala mar warajha (peress li kien qallha li l-kamra

---

[1] Dok. AM1 esebit waqt is-seduta tal-21 t'April 2023
[2] Dok. AM2 esebit waqt is-seduta tal-21 t'April 2023
[3] Dok. AM3
[4] Dok. AM4
[5] Dok. AM5
[6] Dok. AM6
[7] Dok. AM7
[8] Dok. AM8
[9] Dok. AM9

tiegħu fil-ħames sular) u meta fetħet il-bieb, imbuttaha 'l ġewwa. Tefagħha fuq is-sodda u biesha mingħajr il-kunsens tagħha waqt li bdiet tgħajjat u mbuttatu. Missilha sidirha u kompliet tgħajjat u tgħidlu li m'hijiex interessata fl-irġiel iżda fin-nisa. Ir-*receptionist* tal-lukanda daħal fil-kamra peress li l-bieb kien miftuħ u rnexxilu jaqla' lill-akkużat minn fuq il-vittma. Min-naħa tagħhom il-Pulizija ġabru s-CCTV mingħand ċertu Mark Debono kif ukoll is-CCTVs tal-Primera Hotel. Kemm mill-stqarrija tal-akkużat, minn dak li stqarr in-*night receptionist* Paul Samuel Dimech Tonna kif ukoll minn dak li qal id-difensur tal-akkużat waqt it-trattazzjoni għall-piena jirriżulta ċar li l-akkużat kien fi stat t'intossikazzjoni. Il-Qorti pero' tara li l-istat t'intossikazzjoni tal-akkużat m'hijiex skuża jew difiża għal dak li ġara u li ġie mixli bih l-imputat (u li sussegwentement ammetta kif diġa' ingħad) u għalhekk il-Qorti bl-ebda mod ma tista' timmitiga l-piena applikabbli abbażi tal-istat t'intossikazzjoni li kellu l-akkużat stess. Apparti dan l-akkadut, hemm ukoll ir-reat ta' serq ta' *mobile* li hu abbinat ma' vittma differenti u ċioe' Tony Visnu Warta, liema serq hu aggravat bil-ħin u bil-valur. L-akkużat jgħid li ma kellux intenzjoni li jisraq imma tant kien fis-sakra li tefgħu fil-komodina u nsih hemm pero' kif diġa' ingħad, anke fuq din l-imputazzjoni u l-aggravvji abbinati mal-istess reat, l-akkużat ammetta.

Mill-stqarrija tal-istess akkużat jirriżulta li dak iż-żmien kien jiffirma l-għassa kulljum u li kellu impost fuqu kondizzjoni ta' rinkażar bħala parti mill-ħelsien mill-arrest u li allura, fil-ħin tar-reati mertu tal-proċeduri odjerni, l-akkużat kellu jkun fid-dar fejn jirrisjedi. L-akkużat mill-ewwel jammetti li kiser tali kondizzjoni u fi kliemu stess jgħid li dan hu '***żball għamiltu jien***'.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Il-Qorti, ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati serji li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li tagħhom huwa qed jiddikjara li huwa ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li huwa rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Il-Qorti qieset il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutili għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[10] u **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[11] u tara li f'dan il-każ l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri għaliex ma kienux diġa' laħqu xehdu x-xhieda jew saru diversi seduti li jirrikjedu l-ħin u spejjeż, tant li l-ammissjoni saret proprju fl-ewwel seduta meta l-istess imputat tressaq. Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet u li anke mill-istqarrija[12] li l-istess imputat ta lill-Pulizija, iddikjara li jiddispjaċih għall-akkadut. Il-Qorti tqis ukoll li l-imputat għandu fedina penali netta u li allura tagħti lok sabiex il-Qorti, fil-kalibrazzjoni tal-piena ma tmurx għall-massimu stabbilit mil-liġi pero' fl-istess ħin trid tiżen dan kollu mar-reati kontemplati u li għalihom l-akkużat irreġistra

[10] Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 ta' Frar 1997
[11] Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002]
[12] Dok. AM5

l-ammissjoni tiegħu. Il-Qorti tqis ukoll li l-akkużat ġie Malta irregolarment bil-baħar kif jirriżulta minn Dok. AM2[13] u li għalhekk fil-konfront tiegħu hu applikabbli l-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 207, 251AA(1)(a)(b), 251AA(2), 251AA(3), 251AA(4), 251A(1)(a)(b), 251A(1)(ċ)(e), 86, 87(1)(g), 251(3), 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 338(ff), 338(m), 579(1),(2) u (3), 17 tal-Kap. 9 (fost disposizzjonijiet oħra) u fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat **issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva**.

*In oltre* u b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A.(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti torbot lill-imputat b'Ordni tat-Trażżin fil-konfront Lara Ali Shahin għal żmien sentejn.

*In oltre* b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tpoġġi lill-imputat taħt obbligazzjoni personali għal żmien tnax (12)–il xahar mil-lum taħt penali ta' ħames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta u / jew jivvessa lil Lara Ali Shahin;

*In oltre* u b'applikazzjoni tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti relatati mal-każ odjern;

Il-Qorti tiddikjara wkoll lill-imputat bħala immigrant projbit *ai termini* tal-Artikolu 5(2)(d) u l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill- Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex bil-poteri vestiti lilu bil-liġi, jassigura li l-akkużat jiġi deportat minn dawn il-Gżejjer wara li jkun skonta l-piena skond din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

[13] Esebit waqt is-seduta tal-21 t'April 2023